**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Tesfmarym Brahane**

**Illum 30 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Tesfmarym Brahane detentur ta' Numru tal-Pulizija 18V-094;

Akkuzat talli fit-23 ta' Lulju, 2020 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport, jew uza jew kelllu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew le sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Minghajt awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuza fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 30 ta' Lulju, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', certifikat mediku mmarkat bhala Dok LB1; stqarrija mmarkata bhala Dok LB2; fedina penali mmarkata bhala Dok LB3; personal details immarkati bhala Dok LB4; email immarkat bhala Dok LB5; envelope kontenenti passaport u permessio di soggiorno mmarkati bhala Dok LB6.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-30 ta' Lulju, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat stess **Tesfmarym Brahane** u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat

**Tesfmarym Brahane** hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, tikkundannah ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**